**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Decizjoni Preliminiari Nru.2916

Kaz Nru.4122/ET

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Menuka Raila

U

BMF Services Limited

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgmt**

Din id-decizjoni preliminari mis-socjeta intimata tirrigwardja eccezzjoni ta' gurisdizzjoni ipprezentata fis-16 ta' Frar, 2023 fejn iddikjarat li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni fuq il-materja tal-kaz.

Is-Socjeta' intimata kienet bdiet process biex timpjega lir-rikorrenti bhala cleaner. Ir-rikorrenti hija cittadina minn Nepal u ghaldaqstant hija fil-kategorija ta' 'third country national' u huwa mehtieg li biex tahdem f'Malta jrid li jkun hemm 'promise of work' minghand employer, li huwa kuntratt ta' xoghol iffirmat miz-zewg partijiet u dan japplika ma' Identity Malta permezz tas-single work permit application. Hekk sar f'dan il-kaz.

Waqt dan il-process gara li s-socjeta' saret taf li ir-rikorrenti kienet qed tahdem f'ristorant bla ebda permess u ddecidiet li twaqqaf il-process ta' l-applikazzjoni msemmija. Ix-xhud, is-Sur Ashok Bathak, provdut mis-socjeta ntimata xhed fuq dan li ra lir-rikorrenti tadem fir-ristorant.

Ir-rikorrenti iddikajarat li s-socjeta' irtirat l-applikazzjoni ghal work permit ma' Identity Malta minghajr ma' avzat lir-rikorrenti u li kien hemm kuntratt ta' xoghol li qatt ma gie

itterminat u li ma kienx hemm xi procedura ta' dixxiplina biex ir-rikorrenti giet itterminata.

Xhieda importanti kienet tas-Sur Thomas Barry, Senior Administrative Officer, Expatriates Unit ta' Identity Malta, li ddikjara li third country nationals bhar-rikorrenti li biex jadmu f'Malta dejjem iridu jidhlu f'kuntratt ta' xoghol ma' employer li minn naha tieghu umbaghad irid japplikalhom ghal work permit permezz tas-single work permit application.

Is-Sur Barry kompla li l-employer jista jirtira l-applikazzjoni anka waqt il-process u li m'hemmx ghalfejn jaghati ragunijiet lil Identity Malta. F'dan il-kaz hekk gara u ghaldaqstant r-rikorrenti qatt ma setghet tahdem mas-socjeta' intimata.

Fil-process jidhlu ukoll Jobs Plus u r-rapprezentant taghhom fix-xhieda ipprezenta kopja ta' l-employment license application li ovvjament giet rifjutata minn jobs plus minhabba l-irtirar ta' l-applikazzjoni ghal work permit mis-socjeta intimata u ghaldaqstant Jobs plus qatt ma setghu jirregistraw lir-rikorrenti .

It-Tribunal jaghraf lir-relazzjoni ta' xoghol, jigifieri l-impjieg, qatt ma beda bejn is-socjeta' intimata u r-rikorrenti u dan gara ghax giet irtirata l-applikazzjoni minn ma Identity Malta li hi regolata minn Ligi separata ghal dik ta' dan it-Tribunal. Gustifikazzjoni ta' dan ma taqghax fil-gurizdizzjoni ta dan it-Tribunal filwaqt, kif spjegat, ma setghax kien hemm xi forma ta' tkeccija ingusta mis-socjeta intimata.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa l-eccezzjoni migjuba mis-socjeta' intimata.

**Illum: 25 ta' Mejju, 2023**

(iffirmat)

Is-Sur Edmund Tabone

Chairman

**(Vera Kopja)**

Jordan Muscat

Ghas-Segretarju